# Triq il-Kbira armata f'epoki differenti

**Silvio Cassar**



*Ħames snin wara t-twaqqif....fil-festa tas-sena 1925*

Triq il-Kbira, il-parti tat-triq ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali, hija t-triq ewlenija tar-raħal u għaldaqstant tieħu prijorità fl-armar fi żmien il-festa tal-Lunzjata. Matul iż-żminijiet, din it-triq rat armar differenti. L-aktar li ser naraw f'din il-kitba hu l-pavaljuni mal-medda taż-żmien. Permezz ukoll tar-ritratti sejrin naraw armar li żejjen din it-Triq il-Kbira f'epoki differenti:

Fl-1925, ħames snin biss wara t-twaqqif, Mikiel Micallef 'Il-Boqboq' flimkien mal-ewwel soċji wettqu ħolma kbira... sett ta' 10 trofej sabiex jintramaw fi Triq il-Kbira. It-triq kienet għadha bla elettriku. Intant, Ġużeppi Sammut magħruf bħala l-Keti kien ħa l-permess li mill-Buskett iġib liedna u rand ta' vera sabiex jarma Triq il-Kbira għall-festa tal-Lunzjata.

Is-sena 1969 kienet sena importanti fil-kalendarju Balzani, il-fatt li kien qed jiġi ċċelebrat it-300 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali (1669-1969). Għaldaqstant, Kalċ u Karmenu Micallef flimkien ma' membri oħra mill-Każin tal-Banda San Gabriel ħadu ħsieb li jarmaw Triq il-Kbira bi stil differenti li kien jinkludi fustuni tal-elettriku b'fanali kbar iddisinjati b'ilwien differenti. It-triq ħadet xejra sabiħa f'dak iż-żmien. Dan l-istil intrama għal sentejn.

Fis-sena 1972, Triq il-Kbira ġiet armata differenti, Din id-darba sar sett ta' pavaljuni tal-



*Fit-tielet Ċentinarju tal-Parroċċa... fis-sena 1969 (1669-1969)*



*Bejn is-sena 1970 u l-1973*

kartun filwaqt li fuq saret raġġiera bid-dawl. Id-dawl kien ħa ħsiebu l-President attwali Lino Borg li sal-lum għadu jieħu ħsieb id-dawl kollu tal-Knisja Parrokkjali u t-toroq tan-naħa ta' fuq tal-Parroċċa. Għall-festa tal-1973, Valent Muscat jikteb hekk fil-gazzetta Ħal Balzan fl-edizzjoni ta' Lulju/Awwissu 1974: *'Ix-xita għamlet ħsara lil dawn il-pavaljuni tal-kartun u karti u bilfors kellna nibdluhom. Minn hawn ħarġet ir-raġuni li jsir sett ta' għaxar pavaljuni tad-drapp li jkunu jistgħu jitgawdew għal żmien twil.'*

Fil-fatt hekk sar għax għall-festa tas-sena 1974, Triq il-Kbira ntramat b'sett ta' 10 pavaljuni li għal dak iż-żmien kien sett li laqat l-għajn, filwaqt li ġie osservat li *'din l-opra… tabilħaqq sabiħa u artistika… ser tkun l-attrazzjoni ewlenija għall-festa titulari tal-Lunzjata'* għax saru wkoll is-sopraporti li kienu tpittru minn Alfred Muscat. Alfred wera paċenzja kbira fis-sett ta' 10 sopraporti għax pittirhom fuq iż-żewġ naħat. Ix-xogħol tal-injam tas-sopraporti sar minn Karmenu Micallef li qata' l-injam filwaqt li Kalċidon Micallef għaqqad l-injam. Dawn kienu mgħejjunin minn membri oħra tal-Każin.



*Mill-festa tas-sena 1974 sal-festa 1992*

Il-disinn u l-kordinazzjoni tal-pavaljuni kollha saret minn Valent Muscat, eks kaxxier tal-Każin li flimkien miegħu kellu grupp ta' Balzanin li volontarjament kienu għenu fil-ħjata. Dawn kienu Ġużeppi Borg, Ġuża Borg, Marlene Cipriott, Maria Ebejer, Rożina Mizzi, Annunzjata Fenech, Lola Calleja, Marija Aquilina, Marija Azzopardi, Ċettina Attard, Marija Zammit, Grace Micallef, Salvina Muscat u Kalċidon Micallef. It-tfassil kien sar minn Ġużeppi Falzon li kien ħajjat f'Ħal Balzan stess li ma ħallasx ta' xogħlu. Ħaġ'oħra, kif ikompli jfisser Valent Muscat, kienet li d-drapp l-isfar ma serviex għall-pavaljuni kollha u għaldaqstant id-drapp isfar kien inxtara wara l-festa u l-pavaljuni kienu ħarġu kompluti għalkollox għall-festa tal-1975. Ta' min jinnota li l-ġbir għal dawn il-pavaljuni kien qabeż l-ammont meħtieġ, tant li bil-flus żejda kien inxtara materjal tal-elettriku sabiex jiżdied id-dawl għall-istess triq.



*Dawn il-pavaljuni ntramaw għall-festa tas-sena 1993 imbagħad bdew jintramaw fi Triq Sisner u Triq San Valentinu*

Wara l-festa tal-1993, bl-inizjattiva ta' Tony Falzon beda xogħol ta' pavaljuni ġodda fuq diversi toroq fin-naħa ta' fuq ta' Ħal Balzan. Għall-festa tas-sena 1994 sar sett ta' pavaljuni ġodda għal Triq il-Kbira. Dawn saru fuq disinn ta' Albert Borda. Illum dawn qed jintramaw fi Triq Sisner u Triq San Valentinu.

Kien wasal iż-żmien li Triq il-Kbira jkollha sett ta' pavaljuni bil-pittura. Fuq inizjattiva ta' Tony Falzon li ħa ħsieb il-ġbir u t-tfassil, beda dan il-proġett ta' 10 pavaljuni li jirrakkontaw ħajjet il-Madonna. Il-parti l-kbira tal-ħjata saret minn Kelinu Scicluna mgħejjun minn



*Sett ta' pavaljuni oħra li ntramaw fid-disgħinijiet bis-sapraporti*

xi membri filwaqt li l-pittura saret minn Ivan Cauchi.

Triq il-Kbira li tinsab quddiem il-Knisja hija l-mekka tal-armar li jħaddan il-Każin tal-Banda San Gabriel sa mit-twaqqif tiegħu fis-sena 1920. Din it-triq hija ġrajjietna għax sa mill-ewwel membri dejjem ħasbu sabiex l-aqwa armar jintrama f'din it-triq.



*Triq il-Kbira kif inhi armata llum*








**FRA GIUSEPPE** **WINE & COFFEE BAR**
*on the sheltered side of Balzan Parish Church*

**The Rev. Dr. Giuseppe Zammit, an eminent Maltese doctor who has left his country an important legacy, retreated to this 300 year old building to enjoy his leisure time. It has been meticulously restored and is now open to the public for people to meet and relax.**

***Catch up with your friends over a coffee or a glass of wine, in a relaxed Maltese atmosphere and enjoy a variety of small eats and typical mediterranean nibbles.***

We are open every day from **11.00** till **14.00** & **19.00** till late.
*(Monday closed for lunch)*

For reservations, kindly call on **2149 9940** or **9944 9925** or visit **www.fragiuseppe.com**

FRA GIUSEPPE